**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 468/2014JB

Numru 2

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

***vs***

**Joseph Bradley Micallef (K.I.: 78002L)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-16 ta' Lulju 2014 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u disgha u ghoxrin euro u tmienja u sebghin centezmu (€929.78). Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment fil-waqt li ghad li l-konvenut attenda ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014, qatt ma rega' deher minkejja li saru ghadd ta' seduti;

Ra li fis-seduta tal-lum is-Socjeta Attrici permezz tal-avukat taghha ipprezentat nota ta' riduzzjoni fejn iddikjarat li l-ammont li ghadu dovut huwa ta' tnejn u tmenin euro u tlejn u tletin centezmu (€82.32) fil-waqt li l-pretensjoni attrici giet konfermata bil-gurament;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut ghad li kien notifikata bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduti. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici, permezz tar-rapprezentant taghha li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba ghas-somma ridotta ta' €82.32 u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi. It-Tribunal jirrikonoxxi wkoll li fil-mori tal-proceduri thallset il-parti l-kbira tal-ammont originarjament pretiz;

Ikkunsidra;

Illi fejn jirrigwarda l-imghaxijiet pretizi, it-Tribunal jinnota li l-Kodici Civili jipprovdi espressament fl-Art. 1141(2) li fejn imiss ma' obbligazzjonijiet li ma jkunux ta' xorta kummercjali, "*l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni*". L-ewwel att gudizzjarju dwar din il-millantazzjoni ghandu jitqies li gie notifikat nhar l-24 ta' Ottubru 2012 kif jidher mir-riferta a fol 5. Madankollu, minn dak li jirrizulta fl-avviz l-imghax qieghed jintalab mid-data tal-prezentata tal-kawza u kwindi t-Tribunal sejjer jilqa' t-talba ghall-hlas tal-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tal-kawza;

Ghalhekk, gjaladarba t-Tribunal iqis li l-ammont ridott ta' €82.32 gie sufficjentement ippruvat, se jghaddi sabiex jikkundanna lill-Konvenut anke biex ihallas l-ispejjez u l-imghaxijiet b'effett mid-data tal-prezentata tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €82.32 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mis-16 ta' Lulju 2014. L-ispejjez tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*